# TVM ixandar dokumentarju dwar l-istorja u r-restawr ta' Villa Frere

**Stqarrija | 24 ta' Ġunju 2022**

Nhar it-Tlieta 29 ta' Ġunju, fit-19:45, l-istazzjon nazzjonali TVM se jxandar dokumentarju dwar l-istorja ta' Villa Frere u x-xogħlijiet ta' restawr li għaddejjin biex din il-villa tas-seklu 18 f'Tal-Pietà tingħata l-ħajja mill-ġdid.

Id-dokumentarju, bl-isem 'Villa Frere: Mitejn sena, elf ġrajja', huwa produzzjoni ta' Heritage Malta u se jixxandar ukoll fuq il-paġna ta' Facebook ta' Heritage Malta nhar l-Ħamis 30 ta' Ġunju fis-19:30. Id-dokumentarju huwa bil-Malti iżda għandu sottotitli bl-Ingliż.

Villa Frere kienet ir-residenza ta' John Hookham Frere, Ingliż li kien diplomatiku, poeta, skular u filantropu. Wara l-mewt ta' martu fl-1831, huwa ħoloq ġonna kbar imtarrġin fuq in-naħa ta' wara tal-villa, mnejn kien igawdi veduta sħiħa mill-Imdina sal-Belt. Seta' jara wkoll iċ-ċimiterju fl-Imsida fejn kienet midfuna martu.

Villa Frere saret santwarju għal bosta akkademiċi li kienu jiltaqgħu fiha biex jitħaddtu bejniethom, fosthom Mikiel Anton Vassalli li jingħad li fil-villa ddiskuta ma' Frere kif l-ilsien Malti seta' jsib postu bħala lingwa miktuba u mgħallma.

Din il-ġrajja romantika sfumat fix-xejn mal-mewt ta' Frere fl-1846, u magħha għeb il-ġmiel tal-ġonna tal-villa. Il-proprjetà baqgħet abbandunata għal 40 sena sħaħ, sakemm mar jgħix fiha l-Kaptan Edward Price. Dan reġa' ta l-ħajja mhux biss lill-villa imma wkoll lill-ġonna tagħha, tant li għolliehom għal-livell ta' ġonna botaniċi. Il-post sar attrazzjoni kemm għall-Maltin kif ukoll għall-barranin.

Illum fadal biss ftit aktar minn terz tal-proprjetà oriġinali, iżda Villa Frere għadha ssaħħar lil kull min iżurha. Dan aktar u aktar wara li f'Ġunju tal-2013 twaqqfet l-għaqda Friends of Villa Frere, li l-volontieri tagħha bdew jaħdmu mill-ewwel biex isalvaw dak li kien fadal mill-ġonna storiċi u, fejn hu possibbli, jirrestawrawhom b'mod li jiġu jixbhu kif kienu fl-imgħoddi.

Fl-2019 Heritage Malta saret is-sidt uffiċjali ta' Villa Frere u, għalkemm għaddiet l-amministrazzjoni tal-proprjetà f'idejn Friends of Villa Frere, qed tgħin direttament fil-ħarsien tal-post.

Villa Frere se tkun miftuħa għall-pubbliku nhar il-Ħadd 3 ta' Lulju, bejn is-18:00 u d-21:00. Id-dħul ikun min-naħa tal-Isptar San Luqa u jiswa €5.

+356 2295 4000
info@heritagemalta.org
www.heritagemalta.org

35 Dawret Fra Giovanni Bichi
Il-Kalkara KKR 1280
Malta